**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Frar 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 245/2018 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**CA**

**Vs**

**Li permezz ta' Digriet datat il-31 ta' Ottubru 2018, gew nominati Dr Joseph Brincat u PL Marie Claire Bartolo bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti EA.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CA datat 18 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kien iżżewweġ lill-intimata ta' nazzjonalita' R nhar is-sittax (16) ta' Lulju, Elfejn u Sittax (2016) ġewwa l-Belt Valletta, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ mal-preżenti anness u immarkat DOK CA 1;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx ulied;*

3. *Illi għal kull buon fini jiġi rilevat illi l-kontendenti iżżewġu biss ċivilment u ma ċċelebrawx żwieġ b'rit reliġjuż.*

*4. Illi l-partijiet ma kienux jippossjedu l-kapaċita' illi japprezzaw is-serjeta' tal-passi illi kienu qegħdin jieħdu kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

*5. Illi l-esponenti jirrileva li sa fejn jaf hu l-intimata preżentament ma tinsabx Malta; inoltre l-esponenti m'għandux idea fejn tista' qed tgħix l-istess intimata;*

*6. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat minħabba l-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew għad-dritt tal-ħajja konjugali u dan ai termini tal-Artiklu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7. Illi għalhekk l-imsemmi żwieġ ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*8. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.*

*Għaldaqstant l-esponenti għar-raġunijiet hawn fuq premessi umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fis-sittax (16) ta' Lulju, Elfejn u Sittax (2016) huwa wieħed null u bla effett fil-liġi għar-raġunijiet hawn fuq premessi u cioe' għar-raġunijiet validi fil-Liġi - Artikolu 19 (1) (d) u Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tordna n-notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex isiru l-annotamenti kollha neċessarji fl-att taż-żwieġ relattiv;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' tal-Avukat Dr Joseph Brincat u PL Marie Claire Bartolo bhala Kuraturi Deputati, datata 27 ta' Novembru, a fol 18 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet mhumiex edotti mill-fatti u lanqas ghandhom dritt fejn jistghu jikkuntattjaw lill-konvenuta fejn huma qeghdin jirraprezentaw.*

2. *Fit-tieni lok, mic-certifikat taz-zwieg li dawn ilhom mizzewgin ghal biss mis-16 ta' Lulju 2016 u l-mara diga tinsab il-boghod minn Malta u lanqas jaf fejn huma l-whereabouts taghha huwa indikattiv li z-zwieg ma kienx intenzjonat li jkun zwieg permanenti u ghalhekk tonqos kwalita' tal-intenzjoni fl-istess.*

3. *Illi fil-kas tal-annullament it-tieni talba ma tistax tigi milqugha peress li mbaghad jispetta lil wahda mill-partijiet li titlob l-ittra li m'hemmx appell u titlob registrazzjoni ghand id-Direttur tar-Registru Pubbliku salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Dikjarazzjoni tal-fatti.*

1. *L-esponenti gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti konvenuta.*

2. *Illi jidher prima facie li l-esponenti ma jafux l-indirizz taghha u ma jistghux jikkomunikaw maghha.*

3. *Jidher illi l-istess konvenuta telqet minn Malta mhux wisq wara li zzewget u kollox huwa ndikattiv liz-zwieg kien biss cerimonja konvenjenti ghal xi skop imma ma kienx mahsub illi b'maturita' jkun hemm ir-responsabbilta' taz-zwieg.*

Ezaminat l-affidavits bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissonijiet;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur CA xehed permezz ta' affidavit** a fol 24 et seq illi l-partijiet kienu iltaqghu Tas-Sliema meta l-intimata, R, kienet hawn Malta fuq btala. Jispjega illi fil ftit zmien li kien jafha, hu kien isejhilha J. Meta marret lura pajjizha, huma kienu jikkomunikaw ftit permezz ta' Skype, u li kien hu li ghamel tajjeb biex hija giet lura Malta, ghaliex kieku ma kienx ser ikun possibbli ghaliha. Jistqarr illi haseb li l-intimata kienet mara sew u tal-affari taghha. Hi kienet persuna dhulija u ferrihijja u kienet grata lejh ghaliex kien bis-sahha tieghu li hija giet Malta u anke bdiet tirsisti biex jizzewwgu - kif filfatt gara.

Isostni li hu kien jemmen li l-intimata kienet thobbu izda issa jaf li kienet qieghda tuzah sabiex tkun tista' tibqa' Malta. Filfatt l-intimata kienet inbidlet mill-lejl ghan-nhar wara li zzewgu u fejn qatt ma kienet tmiss alkohol, hija bdiet tixrob kuljum sakemm tisker, kif anke ghamlet dakinhar taz-zwieg. Jispjega illi kienet tibda tixrob il-whiskey minn filghodu, taqleb fuq l-inbid mal-gurnata sakemm tintilef minn senshiha. Isostni li dan kollu qatt m'ghamlietu qabel izzewgu u li meta kien ikellimha fuq il-problema tal-alcohol, hija kienet ggib sensiela ta' skuzi.

Jiddeskrivi dina s-sitwazzjoni bhala martirju ghalih specjalment minhabba l-fatt li hu l-alkohol ma jhobbux u ma jixrob xejn. Meta kien jikkonfrontaha, l-intimata kienet tinnega li ghandha problema. Izid illi matul il-ftit zmien li ghamlu jghixu ta' mizzewgin, kien hemm episodji fejn l-intimata anke spiccat l-isptar a kawza tal-alkohol. Jixhed illi kien issugerixxa lill-intimata tirrikorri ghall-ghajnuna izda hija la kienet taf bil-Malti, waqt li l-Ingliz taghha kien elimentari u peress li l-korsijiet kienu bil-Malti dawn ma kienux jghoddu ghaliha. Jispjega illi minhabba dan, il-komunikazzjoni ta' bejniethom in generali kienet ukoll wahda bghatuta.

Eventwalment meta l-intimata telqet mid-dar ghaliex huwa ma setghax jibqa jistaporti l-problema – kien anke sab kartun tal-inbid vojt u ohrajn anke mimlija f'diversi kmamar fid-dar. Isostni li kemm ilu li l-intimata telqet minn Malta, huwa qatt ma sema' b'ahbarha hlief darba, ftit wara li telqet. Irrealizza li l-intimata zzewget bl-iskop li tghix u tahdem Malta, u sabiex eventwalment titlaq minn Malta biex tahdem fl-Ewropa. Din kienet x-xewqa taghha, liema xewqa gharrfitu biha wara z-zwieg. Jixhed li huwa beza' li l-intimata kienet ser iddahhlu fl-inwkiet minhabba l-problema kbira li kellha bl-alkohol.

Jispjega illi l-intimata qatt ma hadmet kemm damet hawn Malta u li sakemm damu jghixu flimkien fid-dar tieghu, kien ihallas kollox hu u jipprova jikkuntentaha f'kollox, tant li anke kien xtrahlha kelb li ghadu ghandu sal-lum. Dan kien ghamlu ghaliex l-intimata kienet tghidlu li kienet tiddejjaq

wahidha sakemm hu jkun ix-xoghol. Izid illi wara z-zwieg, omm u oht l-intimata gew Malta u filfatt l-intimata kienet gratha hafna lejh ghaliex dan kollu sehh bis-sahha tieghu. Jirrimarka illi meta kienu gew fuq btala, kienu qaghdu d-dar tieghu u kien ihallas kollox hu ghalihom.

Apparti l-problema tal-abbuz mill-alkohol li fegget wara z-zwieg, l-attur jirrimarka illi l-karattru tal-intimata kien inbidel mill-lejl ghan-nhar. L-attur xehed li l-konvenuta kienet kollha hlewwa u karizma, wara z-zwieg kienet indifferentli lejh u kienet tqatta' l-hin taghha fuq it-tablet tikkomunika ma' persuni ohra bil-lingwa taghhom. Jiddeskrivi l-ahhar okkazzjoni meta l-intimata kienet intilfet minn sensieha minhabba x-xorb eccessiv, u kienet damet aktar minn tnax il-siegha barra bil-kelb waqt li hu ma kellu l-ebda informazzjoni dwarha. Jispjega ukoll illi darba minnhom kienet qamet bi *blackeye* u sahansitra kienet allegat li d-daqqa kien ghamililha hu mentri rrizulta li kienet habtitha ma' ximkien. Jiddikjara illi kien ghamel anke rapport mal-VISA UNIT u li llum huwa ma jafx fejn tinsab martu.

Bint l-attur **AA xehdet permezz ta' affidavit a fol 40 et seq** illi lill-intimata huma kienu jsejhula J u li hi dejjem ghexet ma' missierha l-attur u minhabba f'hekk hija kienet saret tafha. Tispjega illi ghal bidu li kienet saret tafha, l-intimata kienet tidher mara bil-ghaqal u ta' l-affari taghha. Kienet certa li l-problemi fiz-zwieg bdew kif appena missierha u l-intimata zzewgu. Tixhed li filfatt kien wara z-zwieg li l-intimata bdiet tixrob l-alkohol, fejn qabel kienet tixrob biss te' u *orange juice* u li meta kienet tkellimha, l-intimata kienet tghidilha li kienet tixrob sforz id-dwejjaq li kellha u li kienet dejjem iggib xi skuza banali. Ix-xhud issostni li huma dejjem pruvaw jghinua biex issolvi dawn il-problemi u jnehhulha d-dwejjaq. Izzid illi kienu rrangawlha biex tibda lezzjonijiet tal-Ingliz, u li l-attur kien gabilha l-ommha u lill-ohtha Malta jghixu maghhom. Minkejja dan, ix-xorb esagerat baqa' jippersisti u l-intimata kienet tirrifjuta li tmur program minhabba li kienet issib il-lingwa problema. Tirrileva illi kienet l-intimata li kienet tmur tixtri x-xorb ghaliex huma d-dar ma kien ikollhom xejn, u li kienet tibda tixrob il-whiskey filghodu u mbghad iddur ghall-inbid sakemm tisker.

Izzid illi l-attur dejjem tratta lill-intimata bl-aqwa mod u li piutost kienet imfisda tant li kien jaghmel minn kollox biex jikkuntentaha, izda l-iskop tal-intimata kien li tghix u tahdem Malta u li ma zzewgitx ghax kienet thobb lill-missierha. Issostni li l-intimata kient inbidlet hafna wara z-zwieg u li kienet tkun ta'spiss fuq it-Tablet li kien xtralha l-attur u tikkomunika bil-lingwa taghha ma nies ohra fuq it-Tablet, b'dana illi huma ma kienu jifhmu xejn. Tirrimarka li ta' sikwiet kienet issibha mitlufa minn sensieha u li anke kienet issib marki fuq il-gisem taghha li ma jkollhiex idea minn fejn gew. Illum hija ma tafx x'sar minnha u li sa fejn jafu huma, l-intimata telqet minn Malta.

**JA, oht l-attur, xehdet permezz ta' affidavit** a fol 44 et seq, illi hija kienet iltaqghet mal-intimata kif appena l-attur beda jiltaqa' maghha. Tispjega illi fil-bidu, l-intimata kienet tidher li hija mara tal-affari taghha u ghaqlija izda kif izzewgu inbidlet u bdiet tisker u tabbuza mill-alkohol bla kontroll, waqt li qabel iz-zwieg, l-intimata lanqas qatt ma hadet grokk wiehed. Issostni li l-intimata ma kienitx tixrob ghaliex kienet taf li hija alkoholika. Peress li hi tghix vicin tal-attur, kienet spiss tmur ghandu u anke cavetta tad-dar kien jafdalha u darba minnhom l-intimata kienet isakkret barra bil-kelb u kienet marret thabbtilha ghall-ghajnuna. Ix-xhud tirrileva illi kienet intebhet li kienet fis-sakra u li dan kien xokk ghaliha ghaliex l-ewwelnett kienu ghadhom l-ghaxra ta' filghodu u t-tieni ghaliex l-intimata qatt ma kienet xorbot qabel. Izzid illi qabdet taghmel dan wara z-zwieg ghaliex bis-sahha ta' dan iz-zwieg setghet tibqa' Malta. Mhux l-ewwel darba li bint l-attur kienet icempilha imwerwra biex tmur tghinha ghaliex l-intimata tkun sikret. Tixhed illi l-intimata kienet tistqarr maghhom li hi ma riditx tmur lura pajjizha imma riedet tiskopri pajjizi Ewropej.

Tirrimarka li l-attur kien dejjem jaghmel hiltu biex jikkuntentaha u kien jiddispjaciha tarah hekk tradut, mizzewweg mara li qabel iz-zwieg kienet tidher tant differenti minn dak li filfatt kienet. Tispjega illi kienet icempel diversi agenziji biex tipprova tghin lill-intimata biex tohrog minn dan il-vizzju, izda l-intimata kienet tirrifjuta li tmur programm u meta kienet tkun ma tiflahx, ma kienetx tiehu medicini biex zgur tkun tista' tixrob. Ikkonfermat, li qabel z-zwieg l-intimata qatt ma xorbot xejn ghaliex hija kienet taf li hi alkolohika u kienet tibza'. Ma' huha l-intimata kienet tghix hajja komda u filfatt qatt ma hadmet. Ambinette sostniet li l-intimata qatt ma habbitu izda zzewgietu biss biex bis-sahha tieghu tkun tista' tibqa' Malta. Illum, ma tafx x'sar minnha u m'ghandha l-ebda kuntatt maghha.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fis-16 ta' Lulju 2016. Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita R u qabel iz-zwieg tal-kontendenti kienet toqghod ir-R, filwaqt illi l-attur huwa ta' nazzjonalita Maltija u residenti Malti. Il-partijiet kienu ltaqghu meta l-intimata kienet qeghda btala hawn Malta u wara li hija rritornat lura lejn pajjizha, l-partijiet baqghu jikkomunikaw fuq *Skype*. Sussegwentement, l-attur kien ghamel tajjeb sabiex l-intimata terga' tigi lura Malta u li kienet l-intimata li bdiet tirsisti biex jinghaqdu fiz-zwieg, kif filfatt gara. Mix-xhieda jirrizulta li l-partijiet ghamlu zmien qasir ferm jghixu bhala mizzewgin stante li l-problema ta' xorb eccessiv li kellha l-intimata waslet ghat-tifrik taz-zwieg.

Filfatt, l-intimata telqet mid-dar, tant li llum l-attur ma jafx x'sar minnha jew fejn qed tghix u l-kontendenti m'ghandhom l-ebda kuntatt ma xulxin.

L-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenuta peress illi il-Kuraturi Deputati ma rrnexxilhomx jintraccawha u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw maghhom u jressqu xi provi. Il-Qorti taghraf illi ghalkemm ma sarux eccezzjonijiet fuq il-meritu il-ghaliex l-Kuraturi Deputati ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-konvenuta, dan ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tar-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux il-kawzali t'annullament moghtija mir-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li żżwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' lallegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina, fil-meritu taghhom, il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

L-attur qieghed jibbaza t-talba taghha fuq l-artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tibda billi tinnota illi iz-zewg kawzali l-ohrajn ta' nullita mressqin mill-attur huma dawk komtemplati fis-sub-inciz (d) u (f), illi skont il-gurisprudenza huwa talbiet kontradittorji. Il-Qorti taghraf illi din il-kontradittorjeta, ghalkemm ma twassalx ghan-nullita tal-azzjoni, ta' bilfors twassal sabiex dawn il-kawzali kontradittorji jdghajjfu lil xulxin. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernadette Zammit*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006:

> ***L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.***

L-artikolu 19 (1) (d) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.***

Rigward l-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Zammit vs Zammit*** citata aktar -il fuq:

***Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.***

***Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-***

***"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (Bersini. F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97.)"***

Fuq l-istess materja, inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 illi:

***Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.***

Il-Qorti taghraf inoltre illi skont il-gurisprudenza, a bazi tat-taghlim ta' **Bersini**, tezisti presunzjoni fil-ligi illi kull min jaghlaq it-tmintax -il sena huwa kapaci li jizzewwg u li ghalhekk jispetta lil min iqajjem il-kawzali prevista f'dan is-sub-inciz illi jressaq prova kontrarja sodisfacenti. Inoltre, il-livell ta' maturita jew immaturita tal-parti jrid jigi ipprovat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaliex huwa l-mument tal-ghoti tal-kusens li huwa rilevanti fil-kuntest ta' kawza annullament u mhux dak li gara wara iz-zwieg tal-partijiet. Kif intqal fis-sentenza ***Cusens vs Cusens*** citata aktar -il fuq:

> ***Il-ligi tipprezumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F'dan il-kaz ma irrizultax provat li l-attur jew il-konvenuta kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. Huwa rilevanti l-fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma kellhom 27 sena u 25 sena rispettivament u kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom.***

Illi l-artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

> ***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti jidher illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien zwieg ta' konvenjenza. Jidher illi l-intiza tal-intimata kienet li tizzewweg lill-attur sabiex hija tkun tista' tirrisjedi Malta, tikseb karta tal-identita' Maltija, u li permezz taghha tkun tista' tivjagga u tghix fil-kumplament tal-Ewropa. Dan johrog b'mod car mill-hegga eccessiva taghha sabiex hija u l-attur ifittxu jizzewgu f'qasir zmien, il-bidla drastika fil-personalita' taghha wara z-zwieg u l-indifferenza total fir-rigward tal-attur u l-hajja konjugali taghhom, hekk kif izzewwgu. Il-Qorti hija tal-fehma illi minn dan huwa dezumibbli illi l-konvenuta izzewwget lill-attur biss sabiex tikseb id-dritt illi tirrisjedi u tahdem hawn Malta, u hekk kif ottjeniet dak li riedet, abbandunat lill-attur daqs li kieku qatt ma kien gie ccelebrat zwieg bejniethom. Kif jghallem il-gurista **Francesco Bersini** fuq is-suggett taz-zwieg ta' konvenjenza:

> ***Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…***

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta' konvenjenza jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f'ghajnejn il-ligi. Partikolari fir-rigward ta' kazijiet fejn il-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet ikun ikkontratta z-zwieg sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jahdem Malta, intqal illi:

> ***Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament.***

Mill-provi prodotti jidher car illi dan iz-zwieg ghall-intimata kien sempliciment wiehed ta' konvenjenza li dahlet fih biss ghaliex hasbet li r-rikorrenti kien l-ahjar mezz biex hija tikseb *'a one way ticket'* ghall-bqija tal-Ewropa.

Ghaldaqstant, wara li rat il-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn dan isegwi, skont il-gurisprudenza hawn fuq citata, illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat u ghaldaqstant iz-zwieg tal-kontendenti huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-imsemmi Att. Illi galadarba tirrizulta n-nullita taht l-Artikolu 19 (1) (f), il-Qorti tqis illi m'hemmx htiega illi jigi stabbilit kemm-il darba iz-zwieg huwiex null ukoll taht xi kawzali ulterjuri.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti datat is-16 ta' Lulju 2016 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li kull parti tbaghti l-ispejjez taghha.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**